

(2) It-tieni motiv, ibbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 94 tar-Regolament Finanzjarju ⁽¹⁾, billi:

- Ir-rikorrenti kienet eskluża mill-proċedura ta' sejħa għal offeriti abbażi ta' kunflitt ta' interess mingħajr ma għet mogħtija l-oportunità li għgħib u tikkorrobora provi li juru li dan ma kienx il-każ;
- L-amministrazzjoni naqset milli tevalwa u tissostanzja l-fatt li l-involvement tar-rikorrenti f'offerta oħra preċedenti seta' ħalla impatt fuq l-offerta inkwistjoni.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74)

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2012 — Toshiba Corporation vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-404/12)

(2012/C 343/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Toshiba Corporation (Tokjo, il-Ġappun) (rappreżentanti: J. MacLennan, Solicitor, A. Schulz and S. Sakellariou, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ġunju 2012 fil-Każ COMP/38.966 — *Apparat ta' distribuzzjoni tal-elettriku (switchgear) iżolat bil-gass — multi*;
- sussidjarjament, tnaqqas il-multa b'mod li l-Qorti Ġenerali tqis li huwa xieraq; u, fi kwalunkwe każ;
- tikkundanna lill-konvenuta tbatli l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

- (1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' proporzjonalità meta adottat b'mod prematur id-deċiżjoni tagħha tas-27 ta' Ġunju 2012 fil-Każ COMP/39.966 — *Apparat ta' distribuzzjoni tal-elettriku (switchgear) iżolat bil-gass — multi*, qabel ma l-qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat is-sentenza tagħha fil-Kawża C-498/11 P, Toshiba Corporation vs Il-Kummissjoni Ewropea.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża ta' Toshiba billi ma ppubblikatx Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tas-27 ta' Ġunju 2012 fil-Każ COMP/39.966 — *Apparat ta' distribuzzjoni tal-elettriku (switchgear) iżolat bil-gass — multi*; u billi ma indirizzatx, fl-Itra tal-Fatti, element importanti tal-kalkolu tal-multa imposta bl-imsemmija deċiżjoni.

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta ttrattat lir-rikorrenti b'mod differenti mill-manifatturi Ewropej ta' apparat ta' distribuzzjoni tal-elettriku iżolat bil-gass meta hija bbażat il-multa tar-rikorrenti fuq l-ammont inizjali ta' TM T & D minflok ma bbażatu fuq id-dħul mill-bejgħ tar-rikorrenti.

(4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma ppreżentatx motivazzjoni xierqa meta hija stabbilixxiet l-ammont inizjali ta' TM T & D.

(5) Il-ħames motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta naqset milli tagħmel differenza fil-livell ta' responsabbiltà ta' Toshiba meta mqabbla mal-manifatturi Ewropej ta' apparat ta' distribuzzjoni tal-elettriku iżolat bil-gass.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2012 — Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-409/12)

(2012/C 343/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Mitsubishi Electric Corp. (Tokyo, il-Ġappun) (rappreżentanti: R. Denton, J. Vyavaharkar u R. Browne, Solicitors, u K. Haegeman, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 4381 finali, tas-27 ta' Ġunju 2012, li temenda d-Deċiżjoni C(2006) 6762 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Kawża COMP/39.966 — *Switchgear insulat bil-gass — multi*), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti; jew, sussidjarjament,
- tnaqqas b'mod sostanzjali l-ammont tal-multa li għet imposta fuqha;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.